**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Kumpilazzjoni Numru: 436/12**

**Illum, 26 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 0128963M.

Akkuzat talli nhar il-04 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' '16:00 hours', waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOE 610 tal-ghamla Hillman fi Triq l-Gharreqin, Mdina u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin;

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' offizi gravi fuq il-persuna ta' Carmel Cutajar li ghandu numru tal-identita' 0100865(M).

2. u aktar talli saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Joseph Muscat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' Awwissu elfejn u tlettax (2013) li biha elenka l-Artikoli tal-ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 383A, 383, 384, 386, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli, l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-tattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq incident fl-Imtarfa fejn il-parte civile Carmel Cutajar allega illi fl-erbgha (4) ta' Mejju elfejn u hdax (2011), l-imputat Joseph Muscat ipprova jtajjru bil-karrozza li dakinhar kien qed isuq li kienet tal-marka Hillman Hunter bil-kulur kannella;

Illi f'dawn il-proceduri mill-ewwel spikka n-nuqqas ta' ko-erenza fil-kaz tal-prosekuzzjoni ghaliex fl-ewwel lok hemm ix-xhieda biss tal-parte civile li minnha ma hareg l-ebda motivi plawsibbli fejn l-imputat seta' ghamel dak li kien qed jghid il-parte civile. L-unika motiv li semma' hu li hu kien hbieb ma' certu Chris Spiteri li kien pulizija u li dan kellu xi jghid mal-imputat.

Illi spikkat ukoll l-inkonsistenza fix-xhieda tal-istess parte civile fejn dan jghid illi l-imputat kien gej b'velocita kbira fejn hareg car illi l-karrozza li kien qed isuq l-imputat dak il-hin kienet karrozza Hillman antika hafna u li m'ghandix dik il-potenza kif pingiha l-istess Cutajar.

Punt iehor hu l-inkonsistenza fil-fatt illi Cutajar jghid illi huwa ra lill-imputat gej fuqu meta kien ftit metri 'l boghod minnu mentri t-triq inkwistjoni hija pjuttost wieghsa u ta' vizibilita' kbira u fejn huwa mpossibbli li l-parte civile ma rax lill-imputat gej fit-triq bil-karrozza tieghu.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>

Illi qabel xejn irid jigi premess illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront

tal-imputati treggi legalment u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favor, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-kaz in ezami si tratta ta' feriti gravi volontarji u hawnhekk qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti** deciza fit-18 ta' Settembru 2013 fejn inghad:

*"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Illi tenut kont ta' dan ser tinghata harsa hafifa ghall-gurisprudenza nostrana a rigward l-elementi tal-offiza gravi.

Illi sabiex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kkawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu anke dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna.

Fil-fatt fi kliem il-**Professur Mamo** (Notes on Criminal Law, Vol II, pagna 226) jinghad illi:

> ***« The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible".***

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> ***"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu."***

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> ***"Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-30 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, qalet hekk:

> ***"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant tal-ewwel grad). Ma hiex, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura tal-offiza".***

Illi minn dak li hareg mill-provi u senjatament mix-xhieda tal-imputat; liema verzjoni dejjem baqghet konsistenti; ma hareg l-ebda intenzjoni la generika u l-anqas remota li l-imputat b'xi mod ried iwegga' jew jaghmel xi hsara lill-parte civile Carmel Cutajar. Hekk kif xehed l-istess imputat huwa jghid illi kien

minnu li kien ra lil Cutajar jaqsam it-triq biex gie fuq is-*central strip* u dan meta kien xi tliet mitt metru (300) ’l boghod minnu. Huwa jghid ukoll illi meta kien qed javvicina lill-parte civile dan kien diga’ qieghed fuq il-bankina.

Illi minn dan kollu huwa car u ovvju illi l-aktar verzjoni kredibbli hi dik tal-imputat anke in vista ta’ mankanza assoluta ta’ provi anke cirkostanzjali li jippruvaw il-kolpevolezza tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Joseph Muscat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**